# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa 28 ta' Settembru, 2022**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 871/2010 ISB**

**In-Nutar Dr. Roberta Bisazza LL.D.**

**vs**

**Invest BG Limited (C 38756)**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment taghha tas-7 ta' Lulju 2021, li permezz tiegħu l-kumpannija **Invest BG Limited (C-38756)** kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti diversament preseduta, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta` stralċ, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-ricevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminary u n-noti minnu mħejjija u ppreżentati.

Rat illi dan l-istralc kellu jistenna l-ezitu ta' kawza ohra (855/09JPG) li giet determinata b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell f'Gunju 2021.

Rat illi in segwitu ghal dik is-sentenza, is-socjeta' stralcjata irriakkwistat l-ismha fis-socjeta' Bulgara Manastiry Property Limited, liema assi r-ricevitur ufficjali fittex illi jbiegh anke wara illi huwa zamm laqgha tal-krredituri fit-28 ta' Marzu 2022.

B'dana kollu jirrizulta illi fl-atti tal-kawza fuq msemmija, Claude Grima kien ressaq rikors sabiex l-ismha in kwistjoni, flok jghaddu ghand l-istralcarju, jghaddu ghandu direttament, bir-rizultat illi r-ricevitur ufficjali spicca minghajr assi tal-kumpannija xjolta u ghalhekk ghadda biex talab illi jinghalaq l-istralc.

Rat l-aħħar rapport minnu mħejji minn fejn jirriżulta illi l-kumpannija m'għandhiex attiv biex jagħmel tajjeb għal passiv tagħha, u gew hemmek elenkati il-krredituri rizultanti illi jibqghu mhux sodisfatti.

Rat illi l-istess stralċarju talab illi r-rapport minnu mħejji u kif dikjarat fin-nota tiegħu tat-13 ta' Mejju 2022 (a fol 342) ikun approvat minn din il-Qorti, anke jekk in vista tad-digriet mogħti aktar kmieni llum stess waqt din l-udjenza, bir-remunerazzjoni dovuta lill-istess riċevitur uffiċjali jirriżulta illi lanqas biex jitħallas hu ma hemm biżżejjed fondi.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta`Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi sabiex:

1. **Tapprova** r-rapport finali tar-ricevitur ufficjali tas-socjeta' **Invest BG Limited (C 38756)** kif dikjarat fin-nota tar-Riċevitur Ufficjali tat-13 ta' Mejju 2022, inkluż mill-ħlas tar-remunerazzjoni lilu dovuta kif degretat aktar kmieni llum f'dawn l-istess proċeduri.

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija **Invest BG Limited (C 38756)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat' ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` tħassir tal-kumpannija **Invest BG Limited (C 38756)**.

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iħares dik l-ordni.

7. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mir-rikorrenti u mill-kumpanija intimata fi flimkien u in solidum bejniethom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**